

**Emenda 19**

**Helmut Scholz, Marie-Pierre Vieu, Rina Ronja Kari, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Marie-Christine Vergiat, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B8-0135/2018**

**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCD**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*8a. Jenfasizza li l-ftehim dwar ir-relazzjoni futura għandu jinkludu klawżoli obbligatorji dwar id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u n-nonproliferazzjoni tal-armi tal-gerda tal-massa simili għal dawk fil-ftehimiet kummerċjali jew ta' assoċjazzjoni attwali tal-UE ma' pajjiżi terzi oħra, u li għandu wkoll iżid klawżola innovattiva u vinkolanti dwar il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, b'segwitu tal-Ftehim ta' Pariġi;*

Or. en

12.3.2018

B8-0135/20

**Emenda 20**

**Paloma López Bermejo, Marina Albiol Guzmán, Marie-Pierre Vieu, João Ferreira, João Pimenta Lopes, Miguel Viegas, Rina Ronja Kari, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Marie-Christine Vergiat, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCE**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**B8-0135/2018**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8c. Jinsisti li l-ftehim futur bejn ir-Renju Unit u l-UE irid iqis is-sitwazzjoni speċifika tal-ħaddiema transfruntiera sabiex ikun iggarantit l-ogħla livell tal-istandards tax-xogħol u tad-drittijiet soċjali; ifakkar li d-drittijiet tal-ħaddiema għandhom ikunu rispettati u garantiti matul il-proċess tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u jitolb li l-Ftehim ta' Tranżizzjoni u l-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludu garanziji għal dawn id-drittijiet;**

Or. en

**Emenda 21**

**Rina Ronja Kari, Helmut Scholz, Marie-Pierre Vieu, João Ferreira, João Pimenta Lopes, Miguel Viegas, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Marie-Christine Vergiat, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B8-0135/2018****PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCE**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 10a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**10a.** *Jissottolinja l-ħtieġa li jinbidlu jew jiġu nnegozjati mill-ġdid il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi f'dan il-proċess u li l-progress soċjali u ambjentali u l-kooperazzjoni jsiru l-fokus ewlieni ta' dawn il-ftehimiet sabiex jiġu indirizzati l-problemi ekonomiċi u soċjali li kkontribwew għad-deċiżjoni dwar il-Brexit; jemmen li kwalunkwe ftehim kummerċjali futur bejn l-UE u r-Renju Unit għandu jkun ibbażat fuq it-titjib tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-ħarsien soċjali, tas-sikurezza tal-ikel u tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent, u jrid jiżgura l-istabbiltà finanzjarja u t-twettiq tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima; jirrifjuta, għalhekk, kwalunkwe mudell ta' FTA jew DCFTA – inklużi mudelli bħal CETA u TTIP – li jwasslu għal deregolamentazzjoni ulterjuri tas-salvagwardji u l-istandards dwar is-saħħa pubblika, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent;*

Or. en

12.3.2018

B8-0135/22

**Emenda 22**

**Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Marie-Christine Vergiat, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B8-0135/2018**

**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCD**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 15a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***15a. Iħeġġeġ kemm lill-UE kif ukoll lir-Renju Unit jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw b'mod effettiv li l-benefiċċji attwali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li ġejjin mill-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-UE ma jiddgħajfux minħabba l-Brexit;***

Or. en

**Emenda 23**

**Helmut Scholz, Marie-Pierre Vieu, Rina Ronja Kari, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Marie-Christine Vergiat, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B8-0135/2018****PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCD**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 17***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

17. Jissottolinja li l-ħruġ mis-suq intern iwassal biex ir-Renju Unit jitlef kemm id-drittijiet ta' passaport għas-servizzi finanzjarji kif ukoll il-possibbiltà li jiftaħ fergħat fl-UE li jkunu soġġetti għas-superviżjoni tar-Renju Unit; ifakkar li l-leġiżlazzjoni tal-UE tipprevedi, f'ċerti oqsma, il-possibbiltà li r-regoli ta' pajjiżi terz jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti abbażi ta' approċċ proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju, u jinnota l-ħidma leġiżlattiva li għaddejja u l-proposti ġejjiena tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza huma dejjem ta' natura unilaterali; jenfasizza wkoll li, sabiex titħares l-istabbiltà finanzjarja u tiġi żgurata konformità sħiħa mar-reġim regolatorju u mal-istandards tal-UE u l-applikazzjoni tagħhom, esklużjonijiet prudenzjali u limitazzjonijiet dwar il-forniment transfruntiera ta' servizzi finanzjarji jokkorru spiss fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles;

17. Jissottolinja li l-ħruġ mis-suq intern iwassal biex ir-Renju Unit jitlef kemm id-drittijiet ta' passaport għas-servizzi finanzjarji kif ukoll il-possibbiltà li jiftaħ fergħat fl-UE li jkunu soġġetti għas-superviżjoni tar-Renju Unit; ifakkar li l-leġiżlazzjoni tal-UE tipprevedi, f'ċerti oqsma, il-possibbiltà li r-regoli ta' pajjiżi terz jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti abbażi ta' approċċ proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju, u jinnota l-ħidma leġiżlattiva li għaddejja u l-proposti ġejjiena tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; **huwa tal-fehma li l-Kummissjoni m'għandhiex tkun awtorizzata tagħti lir-Renju Unit "status ekwivalenti" fir-rigward tar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji qabel il-konklużjoni ta' ftehim kummerċjali, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex l-ewwel teżamina l-għażliet għal ftehim separat jew kapitolu fi ftehim kummerċjali dwar standards vinkolanti ta' regolamentazzjoni u trasparenza għas-servizzi finanzjarji bbażati – bħala minimu – fuq l-istandards komuni eżistenti fil-mument tas-separazzjoni;** jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza huma dejjem ta' natura unilaterali; jenfasizza wkoll li, sabiex

titħares l-istabbiltà finanzjarja u tiġi  
żgurata konformità sħiħa mar-reġim  
regolatorju u mal-istandards tal-UE u l-  
applikazzjoni ta' tagħhom, esklużjonijiet  
prudenzjali u limitazzjonijiet dwar il-  
forniment transfruntiera ta' servizzi  
finanzjarji jokkorru spiss fil-Ftehimiet ta'  
Kummerċ Fieles;

Or. en

**Emenda 24**

**Helmut Scholz, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B8-0135/2018****PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCD**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 20***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

20. Itenni li, fir-rigward ta' prodotti alimentari u agrikoli, l-aċċess għas-suq tal-UE huwa marbut ma' konformità stretta mad-dritt u mal-istandards kollha tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà tal-ikel, l-OĠM, il-pestiċidi, l-indikazzjonijiet ġeografiċi, il-benessri tal-annimali, it-tikkettar u t-traċċabbiltà, l-istandards sanitarji u fitosanitarji, u s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti;

20. Itenni li, fir-rigward ta' prodotti alimentari u agrikoli, l-aċċess għas-suq tal-UE huwa marbut ma' konformità stretta mad-dritt u mal-istandards kollha tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà tal-ikel, l-OĠM, il-pestiċidi, l-indikazzjonijiet ġeografiċi, il-benessri tal-annimali, it-tikkettar u t-traċċabbiltà, l-istandards sanitarji u fitosanitarji, u s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti;  
***jirrimarka li, b'mod partikolari, il-kwoti ta' aċċess għas-suq miftiehma fil-ftehimiet ta' kummerċ eżistenti fis-settur agrikolu jeħtieġ li jitbaxxew u jiġu aġġustati għar-realtajiet tal-flussi kummerċjali tal-lum bejn l-UE-27 u s-sħab;***

Or. en

**Emenda 25**

**Martina Anderson, Lynn Boylan, Matt Carthy, Liadh Ní Riada, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B8-0135/2018****PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCD**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 21***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**21. Jinnota li, fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, ir-Renju Unit bħala pajjiż terz mhux se jkun jista' jieħu sehem fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u li l-pożizzjonijiet u l-azzjonijiet komuni tal-UE jistgħu jiġu adottati biss mill-Istati Membri tal-UE; jirrimarka, madankollu, li dan ma jeskludix mekkaniżmi ta' konsultazzjoni li jippermettu li r-Renju Unit jallinja ruħu mal-pożizzjonijiet ta' politika barranija tal-UE, mal-azzjonijiet konġunti, b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-bniedem, jew mal-kooperazzjoni multilaterali, speċjalment fl-oqfsa tan-NU, tal-OSKE u tal-Kunsill tal-Ewropa; jappoġġja l-koordinazzjoni dwar il-politika ta' sanzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħha, inklużi embargos fuq l-armi u pożizzjonijiet komuni dwar l-esportazzjoni tal-armi;**

*imħassar*

Or. en



**Emenda 26**

**Luke Ming Flanagan, Martina Anderson, Lynn Boylan, Matt Carthy, Liadh Ní Riada, João Ferreira, João Pimenta Lopes, Miguel Viegas, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Marie-Christine Vergiat, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B8-0135/2018****PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCE**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 22***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**22. Jenfasizza li sħubija bħal din tista' *imħassar* tiġi stabbilita fl-ambitu tal-Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni li jamministra r-rwol ta' pajjiżi terzi, biex b'hekk ikun possibbli li r-Renju Unit jieħu sehem f'missjonijiet ċivili u militari tal-UE (bl-ebda rwol ta' tmexxija għar-Renju Unit) u f'operazzjonijiet, programmi u proġetti, fl-iskambju ta' informazzjoni, fit-taħriġ u fl-iskambju ta' persunal militari, u fil-kollaborazzjoni dwar il-politika dwar l-armamenti, inklużi proġetti żviluppati fil-kuntast tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO); jissottolinja li tali parteċipazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet, id-deċiżjonijiet u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, inkluż dwar l-akkwist pubbliku u t-trasferimenti fil-qasam tad-difiża, u għandha tkun konsistenti magħhom; jafferma li din il-kooperazzjoni tiddependi minn konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-drittijiet fundamentali tal-UE;**

Or. en

12.3.2018

B8-0135/27

**Emenda 27**

**Martina Anderson, Lynn Boylan, Matt Carthy, Liadh Ní Riada, João Ferreira, João Pimenta Lopes, Miguel Viegas, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Javier Couso Permuy**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B8-0135/2018**

**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCE**  
Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**23. Jinnota li kwalunkwe kooperazzjoni fl-oqsma msemmija hawn fuq li tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, inkluż dwar l-intelligence, tiddependi minn ftehim dwar informazzjoni tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE;**

***imħassar***

Or. en

12.3.2018

B8-0135/28

**Emenda 28**

**Martina Anderson, Lynn Boylan, Matt Carthy, Liadh Ní Riada, João Ferreira, João Pimenta Lopes, Miguel Viegas, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Marie-Christine Vergiat, Javier Couso Permuy**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B8-0135/2018**

**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCE**  
Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 24**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**24. Jinnota li, abbażi ta' arranġamenti oħra simili ma' pajjiżi terzi, ir-Renju Unit jista' jieħu sehem fil-programmi tal-Unjoni b'apport għad-difiża u s-sigurtà esterna (bħalma huma l-Fond Ewropew għad-Difiża, Galileo u l-programmi taċ-ċibersigurtà); huwa miftuħ għall-possibbiltà li r-Renju Unit jibqa' jikkontribwixxi għall-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE biex jintlaħqu l-għanijiet komuni, speċjalment fil-viċinat komuni;**

*imħassar*

Or. en

**Emenda 29**

**Sabine Lösing, João Ferreira, João Pimenta Lopes, Miguel Viegas, Rina Ronja Kari, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B8-0135/2018****PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCD**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 21a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**21a. Jirrifjuta l-Istrateġija Globali tal-UE peress li din ma tirriflettix ir-rwol negattiv u dejjem akbar tal-UE rigward il-kunflitti attwali, iżda minflok tirrakkomanda militarizzazzjoni ulterjuri, tappoġġja l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP), il-kumplex industrijali militari u l-objettiv tan-NATO li jkun hemm infiq ta' mill-anqas 2 % tal-PDG fuq id-difiża; jenfasizza wkoll il-fużjoni tas-sigurtà interna u dik esterna u s-subordinazzjoni tal-politika kummerċjali, tal-iżvilupp u tal-enerġija fl-ambitu tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK); iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex, f'dan ir-rigward, jipromwovu l-prijoritajiet bħall-paċi, il-kooperazzjoni, is-solidarjetà, il-qerda tal-faqar u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-kontroll tal-armi, ir-reġim tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni u d-diżarm nukleari totali, il-kummerċ ġust u r-relazzjonijiet ekonomiċi bbilanċjati;**

Or. en

**Emenda 30**

**Sabine Lösing, João Ferreira, João Pimenta Lopes, Miguel Viegas, Rina Ronja Kari, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Marie-Christine Vergiat, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric, Javier Couso Permuy**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B8-0135/2018****PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, AFCD**

Il-qafas tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 21b (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**21b. Jopponi l-użu tal-Brexit bħala mezz biex tiżdied u titħaffef il-militarizzazzjoni tal-UE; jirrifjuta [l-idea ta'] Unjoni Militari u armata tal-UE; jirrifjuta l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, inkluż ir-Renju Unit, fil-politika Ewropea dwar il-kapaċitajiet militari u l-armamenti, bħall-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), li tagħmel ħsara wkoll lill-prinċipju ta' kunsens tal-PESK/PSDK; joġġezzjona għat-tisħiħ preżenti tal-industrija tad-difiża u l-armamenti u l-appoġġ għaliha; jirrifjuta l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-programm ta' difiża tal-UE u l-programm ta' riċerka dwar id-difiża tal-UE, li jiksru d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(2) tat-TUE, li jgħid li kwalunkwe nefqa li tirriżulta minn azzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ma jridux jiġihallu mill-baġit tal-Unjoni; għaldaqstant jopponi l-inklużjoni ta' dawn il-politiki kollha tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE fil-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit;**

Or. en

